PA 50

# Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
15 FEB 2018
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Virginia Cini**

**kontra**

**l-Awtorità ta' l-Ippjanar**

## Appell dwar il-permess ta' żvilupp PA 0671/17

## Sottomissjonijiet ta' Virginia Cini

Għan-nom ta' Virginia Cini (K.I. 228946M) qed nissottometti dan l-appell mid-deċiżjoni li jkun approvat il-permess ta' żvilupp PA 0671/17 biex ikun sanzjonat xogħol li sar fil-fond 8 Triq Cornelju Dingli Senglea liema xogħol kien sar diġa wara li qabel kien approvat il-permess DN0070/16.

Illi għandu jingħad li anke l-permess DN0070/16 kien jitlob li jkun sanzjonat xogħol li kien diġa sar u kien jittratta alterazzjonijiet interni fil-fond 8 Triq Cornelju Senglea,

Illi Virginia Cini hi sid il-propjeta 10 Triq Cornelju Dingli Senglea liema propjetà qegħda fis-sular terran sottoposta għall-propjeta suġġett tal-applikazzjoni in eżami, liema propjetá kienet effettwata mix-xogħolijiet mitluba fl-istess applikazzjoni u dan billi dawn ix-xogħolijiet kienu jinkludu l-egħluq tal-unika shaft/bitħa tal-fond numru 10 Triq Cornelju Dingli Senglea b'mod li tnaqqset konsiderevolment il-ventilazzjoni tal-istess fond,

Illi Virginia Cini ippreżentat is-sottomissjonijiet tagħha dwar l-applikazzjoni PA 0671/17 f'liema sottomissjonijiet ġiebdet l-attenzjoni li l-proposta ta' żvilupp tal-applikanti kienet ser tagħlaq ix-shaft/bitħa tal-propjetá tagħha u bħala konsegwenza kienet ser teffettwa l-ventilazzjini tal-istess propjetá,

Illi kif spjegata fid-DPAR dwar l-applikazzjoni taħt konsiderazzjoni ġie meqjus mill-Awtorità tal-Ippjanar li l-materja sollevata minn Virginia Cini kienet waħda li tikkonċerna drittijiet ċivili ta' terżi u a bażi ta' hekk din ġiet skartata,

Illi hu sottomess li apparti l-issue ta' drittijiet ċivili ta' terzi il-materja mqajjma minn Virginia Cini fl-oġġezzjoni tagħha tikkonċerna ir-regolamentazzjoni sanitarja liema materja ġiet skartata mill-Awtorità u dan kontra dak stabilit mill-avviz legali 227 tal-2016 intitolat *Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Saħħa u Sanità),*

Illi b'effett mill-10 ta' Ġunju 2016 skond l-imsemmi avviż legali 227 tal-2016 ir-responsabbiltá għar-regolamentazzjoni sanitarja għadda f'ħoġor l-Awtorità tal-Ippjanar, u għaldaqstant l-

applikazzjoni ta' dawn ir-regoli sanitarji hi soġġetta għall-iskrutinju ta' dan it-Tribunal skond kif jispeċifika b'mod mill-iktar ċar mir-regolament 4(2) li jgħid: Kull devjar mir-regolamenti għandu jiġi deċiż mill-Awtorità u għandu jkun soġġett għal appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar,

Illi l-aħħar użu tal-fond 10 Triq Cornelju Dingli Senglea kien wieħed residenzjali u li għaldaqstant għandu jkollu l-ventilazzjoni neċessarja għal dan l-iskop kif ipprovdut dettaljatament fir- Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Saħħa u Sanità) hawn fuq ċitati,

Illi meta l-Awtoritá tal-Ippjanar injorat is-sottomissjoni ta' Virginia Cini imxiet kontra dak li jipprovdu r-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Saħħa u Sanità) u dan billi bl-approvazzjoni tal-permess PA00671/17 u dan għax ippermettiet li jkun eliminat l-uniku mezz ta' ventilazzjoni tal-fond 10 Triq Cornelju Dingli Senglea,

Għal dawn ir-raġunijiet, u wara li tisma' x-xhieda ta' Virginia Cini nnifisha u ta' uliedha Vincent Cini u Vanessa Cini, Virginia Cini qed titlob li jkun revokat il-permess PA00671/17 .

**Carmel Cacopardo**
**PERIT**

**15 ta' Frar 2018**

Virginia Cini : 11 Triq Sant' Anġlu Senglea
Perit : 51 Triq Isouard Marsa